MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2010

Avviz Numru. 310/2006

**Blye Engineering Company Limited**

**vs**

**Hotel San Antonio plc**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat it-12 ta’ Ottubru, 2006, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lis-socjeta` intimata quddiem din il-Qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ tlett elef mija sitta u tmenin Lira Maltin (Lm3,186.00), kwantu ghal elfejn u seba` mitt Lira Maltin (Lm2,700.00)

prezz ta’ “*concealed type cooling system*” b’zewg “*outlets*” lilha mibjugha u kkonsenjata, u kwantu ghal erba` mija sitta u tmenin Lira Maltin (Lm486) VAT, kollox skond l-“*Acknowledgement of Order*” numru 0017-2004 tas-7 ta’ Lulju 2004, (Dok. A);

2. Bl-imghax kummercjali mid-data tal-“*Acknowledgement of Order*”, (Dok. A) u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ Mejju 2006, kontra s-socjeta` intimata li r-rapprezentanti gudizzjarji taghha gew ngunti ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata datata d-29 ta’ Novembru, 2006, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talba tas-socjeta` rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez u dan peress illi s-socjeta` rikorrenti pprovdiet kemm servizz hazin (jew mhux skond is-sengha u l-art), lill-esponenti, u l-prodott li hi ssuppliet la hu skont il-htigiet tal-esponenti u lanqas jaqdi il-funzjoni li ghaliha kien u hu mehtieg, oltre’ li l-istess prodott huwa difettuz;

2. Illi l-esponent irrizervat li tissolleva eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi;

Rat id-digriet taghha datat il-5 ta’ Dicembru, 2006, li wara li r-rapprezentanti legali tal-partijiet esprimew ruhhom li kienu qed jaqblu li jinhatar espert tekniku biex jezamina l-istallazzjoni in dizamina, innominat lill-Inginier Carmel J. Cuschieri ghal dan il-ghan;

Rat ir-relazzjoni peritali ipprezentata in atti mill-istess espert fuq indikat fit-3 ta’ Marzu, 2009;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti l-ohra esebiti;

Rat il-verbal taghha datat il-21 t'Ottubru, 2009, fejn ukoll fuq talba tar-rapprezentanti legali tal-partijiet ikkoncediet li t-trattazzjoni finali ssir bil-miktub skont il-modalita` hemm indikata;

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata s-7 ta' Dicembru, 2009;

Tirrileva li nonostante l-koncessjoni fuq talba tal-istess socjeta` intimata, din is-socjeta` naqset li tipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet taghha kif kienet obbligata, u dan, minghajr ma ingiebet l-ebda spjegazzjoni ghal dan in-nuqqas;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi wara spezzjonijet mill-awtorita` kompetenti tad-Dipartiment tas-Sahha, inhasset il-htiega li s-socjeta` intimate tistalla sistema ta' kondizzjonament tal-arja adizzjonali fid-divizjonijiet tal-"*Butchery*" u tal-"*Pastry*" fl-istess lukanda intimata;

2. Illi l-persuna inkarigata mis-socjeta` intimata ghall-istallazzjoni tas-sistema de quo talab ghall-kwotazzjonijiet minn diversi fornituri, fosthom mis-socjeta` rikorrenti;

3. Illi din il-persuna indikata fil-paragrafu precedenti kien assistit mill-konsulent inginier indikat a fol 32;

4. Illi jidher li fil-post fejn gew istallati s-sistemi addizzjonali fuq indikati hemm sistema ta' refrigirazzjoni ta' zewg "*coldrooms*" li effettivament jarmu

shana fil-post fejn fil-fatt kellu jigi mkessah mis-sistemi addizzjonali stallati;

Ikkunsidrat:

Illi lill-espert tekniku fuq indikat jirrizultalu s- segwenti:

1. Illi l-verzjoni tal-partijiet rigwardanti t-temperatura li kellha tintlahaq fl-area tal-"*Butcher*" u tal-"*Pastry*" hi konfliggenti – parti ssostni li kien intlahaq ftehim, u parti tghid li ma ntlahaqx;

2. Illi pero` jirrizulta li l-kapacita` ta' BTU/HR pattwita bejn il-partijiet giet effettivament realizzata mis-socjeta` rikorrenti ghalkemm jirrizulta li t-temperatura necessarja ghall-uzu preskritt u qatt ma setghet tigi milhuqa. Kien hemm bzonn units akbar minn dawk proposti minn Blye, (ara fol 38);

3. Illi jirrizulta li l-ammont ta' pagament dovut mis-socjeta` intimata lill-dik rikorrenti ghadu kollu lilha dovut;

Ikkunsidrat:

Illi a bazi tal-"*Acknowledgement of Order*" datat is-7 ta' Lulju, 2004, il-partijiet jaqblu li jigu stallati s-sistemi ta' arja kondizzjonata hemm specifikati b'mod preciz;

Illi in effetti, skont l-espert tekniku nominat, jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti stallat precizament dak pattwit bejn il-partijiet kif jidher mill-firem attestati mir-rapprezentanti rispettivi;
Illi ovvjament l-ghaqal tar-rapprenzentanti tas-socjeta` intimata kien jirrikjedi li dawn jaraw jekk il-kapacita` li kienu qed jitolbu kienitx ser taqdi l-bzonnijiet tal-istess socjeta` intimata – ezami li jidher li dawn ma ghamlux;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jinghad li l-piz kollu tal-ordni hi fuq min qed jaffettwa tali ordni ghaliex huwa hu biss li jista` jara jekk ikunux sodisfatti l-esigenzi tieghu u huwa hu li jista` jordna dak li verament ghandu bzonn;

Illi di piu`, ma jirrizultax li s-socjeta` intimata talbet xi pariri xjentifici fir-rigward mir-rapprenzentanti tas-socjeta` rikorrenti li allura hi ghalkollox ezonorata minn kwalunkwe responsabbilita` fir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi minn analizi akkurat tar-rizultanzi kif esposti jirrizulta s-segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti onorat il-ftehim minnha pattwit mas-socjeta` intimata fit-termini tal-"*Acknowledgement of Order*" fuq riferit;

2. Illi skont kif riferut mill-espert tekniku kurjali jirrizulta li x-xogholijiet involuti fl-istallazzjoni tal-istess saru skont is-sena` u l-arti`;

3. Illi ghalkemm is-socjeta` intimata allegat l-ezistenza ta' xi dokumenti li fuqhom serhet il-posizzjoni taghha, dawk id-dokumenti qatt ma gew ipprezentati in atti ghall-iskrutinju tal-kontroparti skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi ghar-ragunijet fuq esposti din il-qorti qed tirrespingi r-risposta tas-socjeta` intimata u takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata *Hotel San Antonio p.l.c.* biex thallas lis-socjeta` rikorrenti *Blye Engineering Company Limited* is-somma ta' tlett elef, mija u sitta u tmenin Lira Maltin, (Lm 3,186.00), ekwivalenti ghall seba` t'elef erba` mija u wiehed u ghoxrin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€7,421.32) kif identifikata fir-rikors promotur;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skont il-ligi mit-2 ta' Mejju, 2006.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------